

Brussell, 16 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9300/19

SUSTDEV 88
RELEX 504
ENV 484
ONU 56
ACP 61
FIN 357
DEVGEN 106
AGRI 258
CLIMA 141

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Mejju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8908/19
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 33/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il- ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fl-UE: theddida dejjem akbar li tirrikjedi azzjoni addizzjonali" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Mejju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 33/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fl-UE: theddida dejjem akbar li tirrikjedi azzjoni addizzjonali", kif adottati mill-Kunsill fit-3690 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Mejju 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 33/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fl-UE: theddida dejjem akbar li tirrikjedi azzjoni addizzjonali"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 33/2018 bit-titlu "Il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fl-UE: theddida dejjem akbar li tirrikjedi azzjoni addizzjonali" mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
2. JAPPROVA l-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali;
3. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tiġi indirizzata t-theddida dejjem akbar tad-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u n-nixfa fl-UE;
4. JIRRIKONOXXI
 - (i) ir-rwol vitali ta' ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bbażati fuq l-art sabiex tiġi indirizzata t-theddida dejjem akbar tad-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u n-nixfa;
 - (ii) il-ħtieġa dejjem akbar ta' koerenza u sinerġiji fi ħdan il-qafas legali tal-UE, speċjalment bejn il-Politika Agrikola Komuni, l-Istrateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità;
 - (iii) il-ħtieġa li jitħaffu l-azzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri u li jkun hemm impenn attiv biex jiġi ppreservat il-ħarsien tal-ħamrija;
 - (iv) il-ħtieġa li tizzied il-kwalità tal-ħamrija u li jitwaqqaf il-proċess ta' degradazzjoni tal-art u tal-ħamrija, skont l-impenji tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari l-Mira 15.3. relatata mal-kisba volontarja tan-Newtralità tad-Degradazzjoni tal-Art¹;

¹ Adottata bħala kunċett ewlieni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), Qafas Strateġiku 2018–2030.

5. KONXJU MINN

- (i) ir-riżultati ta' rapporti internazzjonali reċenti dwar ix-xejriet tat-tibdil fil-klima, bħall-aħħar Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC² li juri rata dejjem akbar ta' data ta' aridità, speċjalment fl-Istati Ewropej tan-Nofsinhar u tax-Xlokk u l-kwantità u l-kwalità ta' avvenimenti estremi (inkluż avvenimenti relatati man-nixfa);
- (ii) is-sejbiet tal-IIPBES³ u l-Valutazzjoni tad-Degradazzjoni u r-Restawr;
- (iii) l-aħħar projezzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima, ibbażati fuq studji internazzjonali, li juru żieda fin-nixfa u bidliet fix-xejriet tax-xita, li qed iwasslu għal proċessi ta' deżertifikazzjoni;
- (iv) studji internazzjonali li juru progress stmat ta' deżertifikazzjoni ta' 10%⁴ fl-aħħar għaxar snin għan-Nofsinhar u x-Xlokk tal-Ewropa⁵ u ċaqliq kostanti lejn it-tramuntana⁶;

6. JIRRIKONOXXI

- (i) il-konverġenza dejjem akbar tal-istudji u analiżi internazzjonali dwar il-ħamrija b'saħħitha bħala fattur kruċjali biex jittaffew l-effetti tad-deżertifikazzjoni, billi l-ħamrija hija l-akbar raggruppament ta' karbonju u l-bażi tal-art tal-ekosistemi u l-ġhelieqi tal-għelejjel kollha u għandha kapaċità sinifikanti ta' żamma tal-ilma, kif ukoll ir-rwol tagħha fit-titjib tar-reżiljenza tas-soċjetà għat-tibdiliet ambjentali;
- (ii) ir-riskji assoċjati mad-deżertifikazzjoni fuq il-kwalità tal-ħajja u fuq id-dħul tal-popolazzjoni rurali;
- (iii) u l-importanza tal-karbonju organiku fil-ħamrija kemm għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih kif ukoll l-effetti negattivi potenzjali permezz tad-deżertifikazzjoni fit-tnaqqis tal-istokkijiet tal-karbonju organiku fil-ħamrija;

² Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, Rapport Speċjali, Tisħin Globali ta' 1.5 °C, <https://www.ipcc.ch/sr15/>

³ Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi.

⁴ Data stmata abbażi tal-informazzjoni inkluża fir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 33/2018, para. 5, p. 11; Studju tal-EEA dwar id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa tan-Nofsinhar, Ċentrali u tal-Lvant, 2008; Právělie, R., Patriche, C., Bandoca, G., "Quantification of land degradation sensitivity areas in Southern and Central Southeastern Europe. New results based on improving DISMED methodology with new climate data", Catena – An Interdisciplinary Journal of Soil Science – Hydrology – Geomorphology focusing on Geoecology and Landscape Evolution, Nru 158, 2017; pp. 309-320.

⁵ Rapport Speċjali Nru 33/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 33/2018, para 72, p. 43

⁶ Rapport Speċjali Nru 33/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 33/2018, para 8, p. 13

7. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tinvestiga aktar, kif adatt, il-korrelazzjoni/rabta b'saħħitha li teżisti bejn id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u l-effetti ta' fenomeni ta' nixfa mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, kif ukoll miżuri ta' bijodiversità, kif enfasizzati fl-eżiti tar-rapport ta' awditjar;
8. JENFASIZZA l-ħtieġa li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-UNCCD⁷, il-UNFCCC⁸ u l-KDB⁹ biex tiġi indirizzata d-degradazzjoni tal-art u tal-ħamrija;
9. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tqis, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri
 - (i) il-ħtieġa li tiġi appoġġata valutazzjoni sħiħa ta' fenomeni ta' deżertifikazzjoni u degradazzjoni tal-art fil-livell tal-UE;
 - (ii) l-opzjonijiet disponibbli u l-istatus tal-impenji fil-livell tal-UE rigward il-mira tan-newtralità tad-degradazzjoni tal-art, inkluż il-ħtieġa li titrawwem l-adozzjoni ta' qafas metodoloġiku komuni, abbażi ta' definizzjonijiet armonizzati u affidabbli għall-indirizzar tar-rekwiżiti tal-SDGs¹⁰ relatati mad-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art;
 - (iii) il-ħtieġa li jiġu żviluppati metodi u indikaturi f'konformità mal-aktar studji u teknoloġiji innovattivi, inkluż tekniki tal-Osservazzjoni tad-Dinja u immaġni bis-satellita, sabiex jittejjeb il-kejl tal-progress fil-kisba tal-SDGs b'risponsi effiċjenti u konkreti mill-proġetti kollha ffinanzjati;
10. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' sistemi ta' monitoraġġ, il-kumplessità tagħhom (metodi ta' rilevament in-situ u telerilevament speċjalment l-immaġni bis-satellita), l-armonizzazzjoni tagħhom, l-ewwel u qabel kollox fil-livell reġjonali sabiex jinkisbu l-SDGs inkluż in-newtralità tad-degradazzjoni tal-art;

⁷ Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni.

⁸ Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

⁹ Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.

¹⁰ B'mod partikolari, l-Istati Membri ser ikunu involuti bis-sħiħ fil-proġett inniedi mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) relatati mal-ħamrija u l-art fl-UE.

11. JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni sħiħa tad-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art fl-UE f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri filwaqt li tibni fuq l-Atlas Dinji tad-Deżertifikazzjoni¹¹ u l-eżiti tal-proġetti ta' riċerka tal-UE, b'kont meħud tal-informazzjoni disponibbli fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, inkluż minn data tal-Osservazzjoni tad-Dinja;
12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex twettaq tali valutazzjoni sħiħa billi, sa fejn ikun possibbli, tibni fuq data eżistenti, filwaqt li tqis il-metodoloġija żviluppata għar-rappurtar tal-UNCCD;
13. JIRRAKKOMANDA li r-riżultati tal-istudju dedikat għandhom jiġu kondiviżi b'mod aktar interattiv u faċli għall-utent u li jintuża x-xogħol tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħarsien tal-Ħamrija għal diskussjoni dwar l-iżvilupp ta' metodoloġija u l-iffissar ta' miri possibbli għan-Newtralità tad-Degradazzjoni tal-Art;
14. JENFASIZZA l-importanza tal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħarsien tal-Ħamrija u l-impatti orizzontali (eż. it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, il-migrazzjoni, eċċ.) fuq id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u n-nixfa;
15. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa ta' linja bażi għad-definizzjoni tal-istatus tad-deżertifikazzjoni fl-UE, b'kont meħud tal-effetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali;
16. JENFASIZZA l-ħtieġa li jkun hemm fehim integrat dwar ir-riskji assoċjati mad-degradazzjoni tal-art, id-deżertifikazzjoni u l-fenomeni ta' nixfa u l-impatti soċjali u ekonomiċi tagħhom sabiex tiġi żviluppata b'mod effiċjenti politika aktar koerenti fl-UE għall-appoġġ ta' dawk li jfasslu l-politika fil-livelli tal-UE u l-Istati Membri;
17. JAPPELLA għal riflessjoni ulterjuri dwar skema ta' finanzjament imfassla biex tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw il-UNCCD b'kunsiderazzjoni speċjali tal-proċess tal-iffissar tal-miri tan-Newtralità tad-Degradazzjoni tal-Art u miżuri relatati meħtieġa biex tintlaħaq din il-mira;

¹¹ Kummissjoni Ewropea, Ċentru Konġunt tar-Riċerka, <https://wad.jrc.ec.europa.eu/aridityprojections>

18. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex

- (i) tirrifletti aktar fuq skema ta' finanzjament biex tiġi mmappjata l-art degradata permezz ta' inventarji tal-ħamrija, abbażi tal-approċċ ta' politika komuni;
 - (ii) timpenja ruħha attivament biex tippreserva u żżid il-kwalità tal-ħamrija u biex twaqqaf il-proċess ta' degradazzjoni tal-ħamrija;
 - (iii) tagħmel arranġamenti sabiex tintroduċi l-eliġibbiltà ta' proġetti dwar id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u n-nixfa fil-mekkaniżmi eżistenti ta' finanzjament fl-UE;
 - (iv) tistudja modi ġodda ta' finanzjament tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet diretti kontra d-deżertifikazzjoni.
-